MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 1274/2002/1

**Carmel u Catherine konjuġi Mifsud.**

**v.**

**Louis u Maria Dolores sive Doreen konjuġi Cuschieri; Salvatore Micallef; Maria u Joseph konjuġi Aquilina**

**Il-Qorti:**
Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fil-Prim Awla tal-Qorti Civili mill-atturi fit-12 ta’ Novembru, 2002, li taqra hekk:

“Peress illi l-konvenuti huma azzjonisti u kienu wkoll diretturi tas-soċjeta` jisimha Meatland Company Limited u l-attur ġie avviċinat mill-konvenut Cuschieri, li kellu l-

*backing* tal-konvenuti l-oħra, sabiex jidħol bħala soċju u parteċipant fis-soċjeta` Meatland Company Limited u għal dan il-fini talab lill-attur jivversa s-somma ta' għaxart elef Lira Maltin (Lm10,000) sabiex b'dina s-somma jkunu jistgħu jixtru makkinarju.

“Peress illi l-attur effettivament ħareġ din is-somma u l-makkinarju nxtara.

“Peress illi fuq l-istess promessa l-konvenuti talbu lill-attur sabiex jidħol bħala garanti mal-Bank of Valletta plc billi s-soċjeta` Meatland Company Limited kienet sejra tissellef mill-bank u minbarra l-attur, il-konvenuti daħlu wkoll bħala garanti solidali.

“Peress illi fil-fatt l-attur qatt ma sar azzjonista tas-soċjeta` u s-soċjeta` fuq imsemmija m'għadhiex tinnegozju u tinsab mingħajr diretturi u ilha f'tali stat għal numru twil ta' snin. Ġie allegat ukoll illi l-assi u l-makkinarju tas-soċjeta` ġew misruqa. Illi l-attur ma ħa l-ebda benefiċċju mill-kumpanija.

“Peress illi l-Meatland u l-konvenuti ma ħallsux dejn mal-Bank u għalhekk il-Bank ipproċeda ġudizzjarjament kontra l-kumpanija u kif ukoll kontra l-attur u l-konvenuti.

“Peress illi b'sentenza ta' din il-Qorti li ġiet konfermata fil-Qorti tal-Appell fl-ismijiet <u>P.L. Joseph Zammit nomine vs Salvatore sive Saviour Micallef et</u> (Ċitazz. 502/91) ku puet deċiża fil-Prim'Istanza fit-28 ta' Mejju, 1993 u konfermata fil-Qorti tal-Appell, il-Bank ġie kanonizzat kreditur tal-attur u l-konvenuti fis-somma ta' għoxrin elf, sitt mija u sitta u disgħin Lira Maltin (Lm20,696) bl-imgħax legali mit-30 ta' Settembru, 1992 u bl-ispejjeż.

“Illi in esekuzzjoni ta' din is-sentenza, il-Bank ipproċeda għall-bejgħ bis-subbasta ta' proprjeta` appartenenti lill-attur konsistenti l-garaxx li jismu Lotus, School Street, Fgura u l-garaxx li jismu Volvo Garage, Triq il-Karmnu, Fgura.

“Peress illi minkejja li l-attur ħallas is-somma ta’ elfejn u mija Lira Maltin (Lm2,100) fil-11 ta’ Ottubru, 2001, il-Bank għadu għaddej bl-istess proċeduri.

“Peress illi fil-fatt, mill-konteġġi nterni bejn l-attur u l-konvenuti, l-attur m’għandu jħallas xejn u l-ammont li qed jiġi pretiż mingħand il-Bank huwa kollu dovut mill-konvenuti u inoltre, l-attur għandu dritt għar-refużjoni tas-somma ta’ għaxart elef Lira Maltin (Lm10,000) imsemmija u kull somma oħra minnu versata.

“Għaldaqstant igħidu l-konvenuti għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

“1. Tiddeċiedi u tiddikjara li l-konvenuti solidarjament huma responsabbli sabiex jirrifondu l-flus kollha li vversa u ħallas l-attur kif fuq premess, kif ukoll li jagħmlu tajjeb għal kwalunkwe ammont li jiġi kostrett iħallas lill-Bank of Valletta plc għar-raġunijiet premessi u tal-valur tas-suq ta’ kull oġġett u proprjeta` li talvolta tista’ tinbigħ bis-subbasta kif fuq premess.

“2. Tillikwida l-ammont hekk dovut mill-konvenuti lill-attur.

“3. Tikkundanna lill-konvenuti solidarjament sabiex iħallsu lill-atturi s-somma hekk likwidata.

“Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni kontra l-konvenuti li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Salvatore Micallef (fol. 36) li in forza taghha eccepixxa illi:
“Illi l-eċċipjent m’għandu ebda relazzjoni ġuridika ma’ l-atturi.

“Illi inoltre l-istess eċċipjent la talab u wisq anqas irċieva l-ammonti riferiti mill-atturi fl-att taċ-ċitazzjoni.

"Illli jekk l-atturi vversaw l-ammonti msemmija dawn ivversawhom lis-soċjeta` "Meatland Company Limited" u liż-żewġ konvenuti l-oħra u mhux lill-eċċipjent.

"Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti konjugi Cuschieri u konjugi Aquilina (fol. 40) li in forza taghha eccepew illi:

"1. Preliminarjament jiġi eċċepit in-nuqqas tal-integrita' tal-ġudizzju in vista tal-fatt li d-debitur prinċipali ma ġiex imsejjaħ bħala parti f'dawn il-proċeduri;

"2. Illi fit-tieni lok, mingħajr preġudizzju għal premess u in linea preliminari jingħad ukoll li t-talbiet tal-atturi jew uħud minnhom huma ntempestivi peress illi l-bank kreditur għadu ma esekwiex is-sentenza favur tiegħu u għalhekk wisq anqas seta` sar pagament b'surroga favur l-attur;

"3. In linea preliminari wkoll jingħad li l-konvenuti eċċipjenti ma humiex il-leġittimi kontradditturi fil-konfront tat-talbiet intavolati fl-odjerna kawża u dana peress illi d-debitur prinċipali fil-konfront ta' min l-atturi u l-konvenuti daħlu garanti hija s-soċjeta` Meatland Co. Ltd., liema soċjeta` kienet ukoll il-proprjetarja tal-makkinarju msemmi mill-attur, u liema soċjeta` kwindi għandha tiġi kjamata in kawża;

"4. Illi qabel ma l-konvenut jistgħu jiġu kkundannati biex iħallsu d-dejn tas-soċjeta` li l-attur ikun talvolta kostrett li jħallas fin-nuqqas tal-istess soċjeta`, l-ewwel għandha tiġi diskussa l-proprjeta` tas-soċjeta`, liema proprjeta` kienet ittieħdet indebitament u llegalment mill-konvenut Micallef;

"5. Illi t-talbiet ta' kundanna se mai eventwalment għandhom jiġu ndirizzati biss fil-konfront tal-konvenut Micallef u dana peress li sejjer jirriżulta li l-inkwiet finanzjarju tas-soċjeta` u tal-kontendenti f'dina l-kawża li waslet għal nuqqas tal-pagamenti dovuta, ġiet kawżata prinċipalment minħabba l-aġir doluż, abbusiv u llegali da parti tal-konvenut Salvatore Micallef billi dan qabad u svesta u ħataf il-makkinarju u effetti kollha tal-kumpanija

nkluż il-makkinarju msemmi mill-attur u beda jinnegozja u jħaddem l-istess għal benefiċċju u vantaġġ tiegħu personali ad esklużjoni u bi preġudizzju tal-kontendenti l-oħra u tas-soċjeta` imsemmija;

“6. Illi fi kwalunkwe każ, it-talbiet tal-atturi fil-konfront tal-preżenti eċċipjenti għandhom jiġu respinti stante li huma nsostenibbli u inproponibbli kemm fattwalment kif ukoll legalment;

“7. B’riserva li jiġu ppreżentati eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.

“Bl-ispejjeż kontra l-atturi li minn issa qed jiġu nġunti personalment għas-subizzjoni.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-10 ta’ Ottubru, 2007, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li gej:
“... ... ... illi tilqa’ biss l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Cuschieri u Aquilina sa fejn applikabbli kif ġia’ ingħad, tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenuti kollha u tikkundanna lill-istess konvenuti solidalment bejniethom ihallsu lill-atturi s-somma ta’ għaxart elef Lira Maltin (Lm10,000) bl-imgħaxijiet mid-data taċ-ċitazzjoni. Tiċħad it-talbiet oħra attriċi b’riserva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-atturi. L-ispejjeż ikunu a kariku tal-konvenuti.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi kif jidher miċ-ċitazzjoni l-attur qed jallega li l-konvenuti avviċinawh biex jissieħeb f’soċjeta` li kellhom u talbuh jagħtihom is-somma ta’ għaxart elef Lira Maltin (Lm10,000) biex jixtru xi makkinarju. Barra minn hekk talbuh jagħmel garanzija bi proprjeta` tiegħu għall-istess soċjeta`. L-attur qatt ma sar azzjonista u eventwalment is-soċjeta` falliet u spiċċa biex ma ħa xejn mill-flus li ħareġ u tilef ukoll il-proprjeta` li kien ipoteka favur il-bank bħala garanzija. Għalhekk qed jitlob biex jieħu flusu lura, kompriż il-valur tal-proprjeta` li tilef.

“L-attur ippreżenta affidavit a fol 49 fejn spjega fid-dettal dak li ġia’ intqal. Qal ukoll li kien ħareġ minn butu s-somma ta’ elfejn u mitt Lira Maltin (Lm2,100) lill-bank bħala ħlas akkont u ħamest elef u seba’ mitt Lira Maltin (Lm5,700) pagi lill-ħaddiema tas-soċjeta` imsemmija. “Għalkemm il-konvenuti ngħataw diversi opportunitajiet iressqu l-provi tagħhom huma naqsu li jagħmlu dan u għalhekk fis-seduta finali l-Qorti ddikjarat magħluqa l-provi u ħalliet il-kawża għas-sentenza.

“Jidher li ma hemmx dubbju li l-attur għadda s-somma ta’ għaxart elef Lira Maltin (Lm10,000) lill-konvenuti bil-għan li jidħol sħab magħhom fis-soċjeta` imsemmija iżda dawn jidher li għaddewh biż-żmien u mhux biss l-attur baqa’ ma ħax flusu u ma sarx azzjonist iżda anke tilef il-prorpjeta` tiegħu li ġie indott iqiegħed bħala garanzija. Madankollu l-attur għamel garanzija għas-soċjeta` u mhux għall-konvenuti personalment u għalhekk dawn ma jistgħux jiġu kkundannati f’din il-kawża bħala tali. Hija għalhekk ġustifikata l-eċċeżżjoni tal-konvenuti Cuschieri u Aquilina li d-debitur prinċipali ma ġiex ċitat (għal dak li jirrigwardja l-garanzija). L-istess għandu jingħad kemm għall-pagi li ħallas l-attur u għall-fus li għadda lill-bank. Pero’ ma hemmx dubbju li l-konvenuti daħħlu f’buthom l-għaxart elef Lira Maltin (Lm10,000) imsemmija u għandhom jiġu kkundannati solidalment biex jirrifonduhom lill-attur għaliex kien qed jaġixxu personalment u bħala kummerċjanti. Ma huwa lanqas xejn konvinċenti l-fatt li l-konvenuti qegħdin iwaħħlu f’xulxin għal dak li ġara.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-konjugi Cuschieri, Louis u Doreen, u tal-konjugi Aquilina, Maria u Joseph, prezentat fil-25 ta’ Ottubru 2007 li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha
“tiddeciedi dan il-kaz billi takkolji l-odjern appell billi tvarja u tirriforma s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili datata 10 ta’ Ottubru 2007 u dana fis-sens illi fl-ewwel lok tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn akkordat l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-odjerni konvenuti appellanti, u fit-tieni lok thassar u tirrevoka l-istess sentenza fil-kumplament taghha u kwindi tiddeciedi li tilqa’ l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-konvenuti fejn

applikabbli in konformita` mal-aggravji fuq imressqa u konsegwentement ghalhekk tichad it-talbiet kollha tal-atturi kif mitluba bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess atturi".

Rat ir-risposta tal-appell ta' Salvatore Micallef (fol. 129) li ipprevalixxa ruhu mill-appell principali tal-appellanti fuq imsemmija biex jappella incidentalment, li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li s-sentenza tal-ewwel Qorti tigi riformata billi tikkonferma dik il-parti fejn iddecidiet illi hemm nuqqas tal-integrita` tal-gudizzju in vista tal-fatt li id-debitur principali ma giex imsejjah bhala parti fil-kawza u tirrevokaha fil-kumplament taghha u konsegwentement tichad it-talbiet kollha tal-atturi fil-konfront tal-esponent bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Bhala fatt jirrizulta mill-provi li l-konvenuti kienu azzjonisti u diretturi fil-kumpanija Meatland Co. Ltd., u l-attur gie mhajjar jidhol jippartecipa f'din il-kumpanija; ghal dan il-ghan intalab ihallas Lm10,000 bhala sehemu u hu ghadda l-flus bil-hsieb li dawn jirrangaw l-affarijiet tal-kumpanija biex anke hu jkun socju u partecipant fiha.

Peress li din il-kumpanija riedet tiehu self minghand il-Bank of Valletta plc, dan tal-ahhar accetta, u provda lill-kumpanija b'*overdraft* u *loan facilities*; l-atturi konjugi Mifsud u l-konvenuti konjugi Cuschieri u Aquilina, u Salvatore Micallef, f'epoki differenti, dahlu garanti solidali mal-kumpanija Meatland Co. Ltd. ghad-dejn li din kellha mal-imsemmi bank. Peress li d-dejn tal-kumpanija mal-bank baqa' ma giex saldat, l-istess bank ipproceda kontra l-kumpanija ghall-hlas, u kontra l-istess partijiet f'din il-kawza bhala garanti solidali. Il-Prim Awla tal-Qorti Civili, b'sentenza tat-28 ta' Mejju, 1993 (ara kopja a fol. 6) li ghaddiet in gudikat, laqghet it-talba tal-Bank of Valletta plc

u kkundannat lill-kumpanija u l-erba' partijiet f'din il-kawza sabiex in solidum ihallsu is-somma ta' Lm20,696 lill-imsemmi bank.

Wara li l-Bank of Valletta plc ha din is-sentenza hu ghazel li jipprocedi in eskuzzjoni kontra l-atturi, li hallsu s-somma ta' Lm2,100 lill-bank biex jippruvaw izommu lill-bank lura milli jkompli jmexxi kontrihom. Il-bank, pero`, ma kienx sodisfatt, u ssekwestra zewg postijiet tal-atturi li kienu ipotekati favur tieghu bhala garanzija tad-dejn, u provda ghall-bejgh bis-subasta tal-istess biex jithallas il-kreditu dovut lilu.

Gara li l-konvenuti baqghu ma rregistrawx lill-attur bhala azzjonista fil-kumpanija Meatland Co. Ltd., u avolja din utilizzat l-Lm10,000 biex xtrat makkinarju ghaliha – makkinarju li allegatament gie misruq – l-atturi thallew barra mill-kumpanija u ma gietx imwettqa l-weghda li saritilhom li jippartecipaw daqs l-ohrajn fil-kumpanija.

L-atturi, f'din il-kawza, qed jitolbu lura s-somma ta' Lm10,000 li ghaddew lill-konvenuti peress li l-korrispettiv imwieghed – azzjonijiet fil-kumpanija Meatland Co. Ltd. – ma giex "imhallas", u qed jitolbu minghand il-garanti solidali l-ohra sehemhom mill-flus/valur tal-proprjeta` li ghaddew lill-Bank of Valletta plc akkont tad-dejn li kellha l-kumpanija Meatland Co. Ltd.

L-ewwel Qorti ma laqghetx din l-ahhar talba tal-atturi peress li tali talba ghar-ridress kellha ssir kontra l-kumpanija li a beneficcju taghha l-Bank of Valletta plc ta l-facilitajiet aktar qabel indikati. L-atturi ma appellawx minn din il-parti tas-sentenza u fil-fatt, fid-dawl ta' dak ipprovdut fl-Artikolu 1109 tal-Kodici Civili, ma kienx hemm x'wiehed ighid kontra din id-decizjoni tal-ewwel Qorti.

L-ewwel Qorti, pero`, accettat l-ewwel talba tal-atturi ghar-rifuzjoni tas-somma ta' Lm10,000, peress li sabet li l-konvenuti kienu "ghaddewh biz-zmien" lill-attur, meta weghduh li se jdahluh fi shab maghhom fil-kumpanija, izda ma ghamlu xejn minn dan.

Il-konvenuti appellaw minn din il-parti tas-sentenza, bl-aggravju jkun li l-atturi ghaddew il-flus lill-kumpanija Meatland Co. Ltd. u mhux lilhom personalment, u li, allura, m’ghandhomx huma jwiegbu ghall-pretensjoni tal-atturi.

Pero` din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi, taqbel mad-decizjoni tal-ewwel Qorti. Ghalkemm il-flus kien hemm bzonnhom biex jinxtara l-makkinarju ghall-kumpanija, inghataw lill-konvenuti bhala sehem l-atturi biex jippartecipa fil-kumpanija. Il-flus inghataw ghall-kumpanija, izda mhux lill-kumpanija. L-attur ta l-flus lill-konvenuti biex dawn jghaddulu ishma fil-kumpanija, izda naqsu milli jesegwixxu l-parti taghhom tal-ftehim, u l-attur, ghalhekk, ghandu dritt iregga’ kollox lura u jiehu l-flus li ta.

Il-konvenuti jaghmlu enfasi fuq partijiet mix-xhieda tal-attur biex juru li dan ta l-flus lill-kumpanija. Jindikaw, per ezempju, li hu qal li hu ta l-flus biex ikunu jistghu jixtru makkinarju u li “kollox ghall-kumpanija li ghamilt”; pero`, ghalkemm dan id-diskors jikkonferma li l-flus intuzaw ghax-xiri tal-makkinarju li kellha bzonn il-kumpanija, ma jfissirx li hu ta l-flus lill-kumpanija. Fil-fatt, l-attur xehed ukoll li l-konvenuti “riedu l-flus ghall-kumpanija”, u l-ftehim kien car fis-sens indikat.

Kollox ma’ kollox, din il-Qorti tara li l-kwistjoni ddur fuq apprezzament tal-fatti kif imressqa quddiem il-Qorti. L-ewwel Qorti semghet hi lill-attur in kontro-ezami, u fehmet li ma kienx hemm dubju li l-attur ghadda s-somma ta’ Lm10,000 “lill-konvenuti”. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha tiddisturba din l-analizi tal-fatti li ghamlet l-ewwel Qorti, anke ghaliex, kif inghad, hi wkoll hekk tifhem li sehhew l-affarijiet. Mhux rilevanti li l-flus ghaddew direttament minghand idejn l-attur ghall-idejn il-bejjiegh tal-magni, ghax hu l-iskop wara l-hlas li hu importanti, u kif intqal dan sar bhala korrispettiv biex il-konvenuti jdahhlu lill-attur fil-kumpanija, obbligazzjoni li baqghet ma gietx imwettqa.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell principali tal-konvenuti konjugi Cuschieri u konjugi Aquilina, u minn dak incidentali tal-konvenut Micallef, billi

tichadhom it-tnejn u tikkonferma fl-interezza taghha s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk in prim istanza, jithallsu mill-konvenuti in solidum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------